MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 455/2000/1

**Philip u Carmen konjugi Grima**

**vs**

**Agius Marble Works Co. Ltd.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi huma inkarigaw lis-socjeta’ konvenuta b’appalt konsistenti fi tqeghid ta’ madum tal-art fir-residenza tal-atturi, liema madum ukoll kellu jigi fornit mis-socjeta’ konvenuta;

Illi wara li tqieghed dan il-madum bdew jirrizultaw divergenzi u difetti fil-materjal uzat;

Illi fi kwalunkwe kaz il-materjal uzat ma jaqbel xejn ma' kampjun muri lill-atturi, kemm fil-kulur kif ukoll fil-konsistenza strutturali tal-materjal;

Illi ukoll ix-xoghol tat-tqeghid fih innifsu mhux skond is-sengha u l-arti;

Illi bhala konsegwenza ta' dak kollu fuq espost l-atturi sofrew danni;

Illi interpellata sabiex tirrimuovi il-madum imqieghed u minkejja weghdiet li dan ser jsir mis-socjeta' konvenuta, dina baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ta' esekuzzjoni hazina tal-appalt moghti lilha ta' tqeghid ta' madum kif intqal fuq u ghar-ragunijet fuq premessi;

Konsegwentement tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi, kif intqal fuq;

Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; .

Tikkundannaha thallas lill-atturi id-danni kif hekk likwidati, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjes kontra is-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-liusta tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ eccipjenti ezegwiet l-inkarigu taghha skond is-sengha u l-arti;

2. Iz-zonqor imqieghed fir-residenza tal-eccipjenti intghazel kollu mill-istess atturi u t-tqeghid sar wara li huma raw il-materjal li gie konsenjat;

3. Illi fi kwalunkwe kaz il-materjal utilizzat ma huwiex difettuz kif allegat mill-atturi;

4. Illi ma huwiex minnu li x-xoghol ta’ tqeghid ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta’ dina l-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta’ Mejju 2000 li bih gie nominat bhala espert tekniku l-AIC Alan Saliba bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-4 ta’ Marzu 2003 u l-atti l-ohra kollha rigwardanti din il-perizja;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li huma kienu taw lis-socjeta konvenuta appalt rigwardanti l-fornitura u t-tqeghid ta’ madum tal-art fir-residenza tal-atturi gewwa Hal Lija. L-atturi jippremettu ukoll li wara li tqieghed tal-madum bdew

jirrizultaw divergenzi u difetti fil-materjal uzat u li in effett l-istess materjal uzat ma kienx jaqbel mal-kampjun li kien gie muri lill-atturi u dana kemm fil-kulur kif ukoll fil-konsistenza strutturali tal-materjal. L-atturi jallegaw ukoll li x-xoghol tat-tqeghid ma sarx skond is-sengha u l-arti. Minhabba dan kollu l-atturi jallegaw li huma sofrew danni u ghalhekk qed jitolbu li jigi dikjarat li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ta' esekuzzjoni hazina tal-appalt moghti lilha ta' tqeghid ta' madum u li ghalhekk l-istess socjeta konvenuta hi responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta konvenuta tigi klundannata thallas id-danni hekk likwidati;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li hi ezegwiet l-inkarigu taghha skond is-sengha u l-arti; li z-zonqor imqieghed kien intghazel kollu mill-istess atturi u t-tqeghid sar wara li l-atturi raw il-materjal konsenjat; li dan il-materjal ma kienx difettuz u li mhux minnu li x-xoghol ta' tqeghid ma sarx skond is-sengha u l-arti. Fid-dikjarzzjoni taghha s-socjeta konvenuta tispjega li l-atturi bdew jilmentaw biss meta gew mitluba ihallsu d-depositu u li kienu l-istess atturi li kienu ghazlu kwazi kull maduma. Tispjega ukoll li l-materjal uizat hu ta' kwalita' tajba u li x-xoghol ta' tqeghid sar skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-rapport tal-asbbli perit tekniku. Taqbel mal-kostatazzjonijiet u mal-konkluzjoninijiet li ghamel u li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamilhom taghha;

Difatti jirrizulta li f'Awissu 1999 l-atturi kienu inkarikaw lis-socjeta konvenuta sabiex tissuplixxi, tqieghed u tghorok madum taz-zonqor, li kellu jitqieghed fir-reisednza tal-atturi gewwa Hal Lija. L-atturi ghamlu l-ordni relattiva wara li gie miuri lilhom kampjun moghruk, li skond is-socjeta konvenuta, kien jghodd ghalihom. Jirrizulta ukoll li l-atturi, in effett, kienu rrifjutaw xi materjal li kien gie konsenjat. Dawn ix-xogholijiet saru fil-kuridur principali tad-dar, f'zewgt ikmamar laterali, fuq il-faccata u kuridur iehor fuq wara tal-kamra tax-xellug;.

Meta tlesta t-tqeghid il-madum gie kompletament miksi bil-halib tas-siment. Meta l-madum beda jintoroq l-atturi nnotaw divergenzi fil-kulur tal-madum. F'dan l-istadju s-socjeta konvenuta waqfet ix-xoghol u bdiet tinsisti li kellu jithallas id-depositu kif miftiehem. Ghalhekk l-atturi bdew jilmentaw li l-fili kienu skuri u li kien hemm divergenzi fil-kulur. Peress li s-socjeta konvenuta kienet qed tirrifjuta li tispicca t-tghorik, l-atturi inkarigaw terzi biex jghamlui dan ix-xoghol. Skond l-atturi s-socjeta konvenuita kienet qablet li taqla il-parti l-kbira tax-xoghol li kien sar. Eventwalment fil-mori ta' din il-kawza parti mill-madum tnehha mill-atturi;.

Direttur tas-socjeta konvenuta qal li kien gie spjegat lill-atturi li peress li l-gebla hi naturali seta kien hemm varjazzjoni fil-vina. Is-socjeta konvenuta sssotni li x-xoghol tal-ghorik ma sarx sewwa u dana sar minn terzi. In effett il-pori thallew kollha miftuhin u imtlew bil-hmiegh u ghalhekk swied il-wicc;

L-atturi qabdu perit ta' fiducja taghhom li rrakkomanda l-qlugh ta' l-imsemmi madum minhabba varjeta fil-vina u fil-kulur tal-wicc tal-madum.

Waqt l-access il-perit gudizzjarju nnota divergenza kbira fil-kwalita tal-wicc tal-madum. Is-socjeta konvenuta stess tirrikonoxxi li x-xoghol huwa difettuz u tattribwixxi dan ghal fatt li t-tghorik sar hazin. Skond l-espert tekiku l-materjal taz-zonqor ta' dan il-madum huwa difettuz u mhux ta' livell. Ma jirrizultax li t-tghorik ma sarx b'mod tajjeb. Is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-atturi ghazlu huma l-madum ma treggix;

L-abbli perit tekniku kkonkluda li l-madum fornut u mqieghed mis-socjeta konvenuta fir-residenza ta' l-atturi kollu minbarra dak fil-kamra tal-lemin mhux tal-kwalita pattwita u ghalhekk is-socjeta konvenuta hija responsabbli ta' ezekuzzjoni hazina ta' l-appalt ghax-xogholijiet esegwiti minnha fil-kamra tax-xellug, fil-kuridur principali u fil-kuridur ta' wara biss. Huwa kkonkluda ukoll li l-atturi ma ressqux provi rigward danni sofferti minnhom;

Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill din il-Qorti tiskarta jew tvarja dawn il-konkluzjonmijiet;

Ghal dawn il-motivi :

Tideciedi fuq it-talbiet attrici billi tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ta' esekuzzjoni hazina tal-appalt in kwestjoni moghti lilha mill-atturi u tiddikjara li l-istess socjeta' konvenuta hi responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-atturi, li pero' naqsu li jipprovaw il-konsistenza tal-istess danni. Konsegwentement ma jistghux jigu likwidati dawn l-istess danni u l-konvenuti ma jistghux jigi kundannati jhallsu l-istess danni Ghalhekk l-ahhar zewg talbiet tal-atturi qed jigu michuda;

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------